B 1927

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,448, 28 ta' Lulju, 2020
Taqsima B

A.L. 303 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2020 biex jemendaw ir-Regolamenti tad-Dixxiplina għall-Istudenti tal-Università

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2020 biex jemendaw ir-Regolamenti tad-Dixxiplina għall-Istudenti tal-Università u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tad-Dixxiplina għall-Istudenti tal-Università, 2016, ippubblikati bħala Avviż Legali 68 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju, 2020 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok is-sotto-paragrafu (w) tal-paragrafu (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(w) abbuż ta' alkoħol jew drogi f'kuntest tal-Università jew mod ieħor, bil-kundizzjoni li f'dan il-kuntest "abbuż ta' drogi" huwa definit bħala l-użu, pussess, offerta jew bejgħ ta' drogi lil xi persuna;"